MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 827/2009

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**A G Ventures Limited (C-17492)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas t' elf tmien mija u disa' u sittin ewro u tnejn u hamsin ewro centezmi (€1869.52) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21234333 (AC 40053281) skont dokumenti annessi mat-talba mmarkati IZY 1 u IZY 2.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr.Keith Grech fit-2 ta' Novembru, 2009 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------